

**Appell ippreżentat fis-26 ta' Settembru 2014 minn Kinonia tis Pliroforias Anikhti stis Eidikes Anagħes – Isotis mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (L-Ewwel Awla) fis-16 ta' Lulju 2014 fil-Kawża T-59/11, Isotis vs Il-Kummissjoni**

(Kawża C-450/14 P)

(2014/C 395/34)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

### Partijiet

Appellanti: Kinonia tis Pliroforias Anikhti stis Eidikes Anagħes – Isotis (rappreżentant: S. Skliris, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

- tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, tas-16 ta' Lulju 2014, fil-Kawża T-59/11, Kinonia tis Pliroforias Anikhti stis Eidikes Anagħes – Isotis vs Il-Kummissjoni Ewropea, kollha kemm hi;
- tilqa' r-rikors tal-kumpannija rikorrenti kollu kemm hu;
- tiċħad il-kontrotalba tal-Kummissjoni kollha kemm hi;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż tal-appellant.

### Aggravji u argumenti prinċipali

1. Applikazzjoni żbaljata tal-Artikolu 1315 tal-Kodiċi Ċivili Belġjan dwar l-allokazzjoni tal-oneru tal-prova
  - Iċ-ċaħda tar-rikors ma tfissirx awtomatikament li ngħatat prova tal-fondatezza tal-kontrotalba. Fil-kontrotalba, l-oneru tal-prova kien fuq il-Kummissjoni.
2. Motivazzjoni difettuża dwar il-fondatezza tal-kontrotalba
  - Nuqqas ta' motivazzjoni tal-affermazzjoni tal-fondatezza tal-kontrotalba tal-Kummissjoni.
  - Kontradizzjoni fil-motivi minħabba t-teħid inkunsiderazzjoni bħala l-unika prova r-rapport ta' awditu li kien ikkōntestat u li kien jikkostitwixxi l-fatt li kellha tingħata prova tiegħu.
3. Żball ta' liġi minħabba n-nuqqas ta' applikazzjoni tal-istandardi internazzjonali tal-awditu
  - Nuqqas ta' applikazzjoni tal-istandardi internazzjonali tal-awditu bi ksur tal-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-kontabbiltà u bi ksur tal-obbligu li l-kuntratti kontenzjużi jiġu interpretati skont ir-rieda komuni tal-partijiet (Artikolu 1156 tal-Kodiċi Ċivili Belġjan) u skont il-prinċipju ta' *bona fides* (it-tielet paragrafu tal-Artikolu 1134 tal-Kodiċi Ċivili Belġjan).
4. Interpretazzjoni żbaljata tal-prinċipju ta' opportunitajiet ugwali għall-partijiet
  - Il-prinċipju ta' ugwaljanza bejn il-partijiet ma huwiex l-istess bħall-prinċipju ta' kontradittorju.
5. Interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljati tal-prinċipju ta' *bona fides* u ksur tad-drittijiet tad-difiża minħabba l-lingwa tal-kawża
  - L-interpretazzjoni korretta tal-prinċipju ta' *bona fides* teħtieġ li l-istipulazzjoni kuntrattwali tigħi interpretata skont il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u skont il-prinċipju fundamentali tal-Unjoni Ewropea dwar ir-riġistru tad-drittijiet tad-difiża.
6. Interpretazzjoni żbaljata tal-kliem tal-kuntratti kontenzjużi, applikazzjoni żbaljata tad-dritt Elleniku u assenza ta' teħid inkunsiderazzjoni ta' allegazzjoni fuq il-mertu
  - Skont l-Artikolu II 19.1 tal-kuntratti FP6, l-Artikolu II.16 tal-kuntratti e-Ten u l-Artikolu II 20.1 tal-kuntratti CIP, il-verifikasi kellhom jirrigwardaw biss l-ispejjeż u d-dħulijiet relatati mat-twettiq tal-proġetti kontenzjużi u mhux tal-entrati l-oħra.
  - Ksur tal-prinċipju, stabbilit bil-ġurisprudenza, li fid-dritt tal-kontabbiltà u fiskali Elleniku s-snin finanzjarji huma indipendent.

- Nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni u assenza ta' evalwazzjoni mill-Qorti Ĝeneralni tal-motiv fuq il-mertu mqajjem mir-rikorrenti fil-punti 61 sa 64 tar-rikors.
7. Interpretazzjoni żbaljata tal-kliem tal-kuntratti kontenzjużi, nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni ta' motiv fuq il-mertu u żnaturament tas-sens ċar tad-dokumenti
- Interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljati tal-frażi “rendikont ġeneralni tal-kontijiet” (overall statement of accounts), bi ksur tal-*bona fides* u tad-dritt Elleniku, u tal-klawżola “dħulijiet” (receipts) bi ksur tal-kliem espress tal-kuntratti.
  - Nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni u assenza ta' evalwazzjoni mill-Qorti Ĝeneralni, tal-motiv fuq il-mertu mqajjem mir-rikorrenti dwar ir-reġistrazzjoni tal-ħlas bil-quddiem għall-proġett Access e-Gov fil-kotba tagħha qabel it-tmiem tal-verifikasi fuq il-post.
  - Żnaturament tal-Annessi A3, A6, A9, A11, A14 u A17 tar-rikors.
8. Nuqqas ta' motivazzjoni, ksur tad-dritt applikabbli għall-kuntratti kontenzjużi u żnaturament tas-sens ċar ta' dokument
- Nuqqas ta' motivazzjoni (punti 127, 129) u kontradizzjoni fil-motivi (punti 128, 129).
  - Ksur tal-prinċipju ta' *bona fides*, tal-istandards internazzjonali tal-awditu u tal-leġiżlazzjoni Ellenika tal-kontabbiltà (punt 127).
  - Żnaturament tas-sens ċar tal-Anness B101 prodott mill-Kummissjoni.
9. Teħid inkunsiderazzjoni ta' motiv mhux imqajjem u assenza ta' teħid inkunsiderazzjoni ta' motiv imqajjem
- Teħid inkunsiderazzjoni ta' motiv li r-rikorrenti ma qajmitx (punt 165) u assenza ta' evalwazzjoni mill-Qorti Ĝeneralni tal-motivi kuntrarji li hija ressqt (punti 88, 89, 91 tar-rikors).
-